



Stqarrija għall-Istampa  
Il-Lussemburgu, l-10 ta' Lulju 2019

## Jeħtieġ li t-testijiet tal-istress li jitwettqu mill-EBA jiffukaw aktar fuq ir-riskji sistemiċi fl-UE kollha, jgħidu l-Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-aħħar test tal-istress għall-banek li twettaq mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) missu kien aktar eżiġenti f'dak li jirrigwarda l-ittestjar tar-reżiljenza tal-banek għar-riskji sistemiċi fl-UE kollha. L-awdituri jgħidu li x-xokkijiet simulati kienu fil-fatt ħafna inqas minn dawk esperjenzati matul il-kriżi finanzjarja tal-2008, u x-xenarju avvers li ntuża ma kienx jirrifletti b'mod xieraq ir-riskji sistemiċi kollha li kienu rilevanti għas-sistema finanzjarja tal-UE. Barra minn hekk, meta fasslet u wettqet it-test, l-EBA serrħet ħafna fuq l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, iżda kellha nuqqas ta' riżorsi u ma setgħetx tissorveljahom b'mod effettiv.

Mill-2011 'il hawn, l-EBA mexxiet it-testijiet tal-istress fl-UE kollha biex tiġi vvalutata r-reżiljenza tal-banek għal xokkijiet bħal reċessjoni qawwija, kollass tas-suq tal-istokks, jew telf ta' fiduċja. L-awdituri eżaminaw jekk it-test li twettaq fl-2018 kienx adatt għall-iskop tiegħu. Huma analizzaw il-kriterji għall-għażla tal-banek u l-proċess għall-identifikazzjoni tar-riskji.

*"Il-banek Ewropej kien misshom ġew ittestjati kontra xokkijiet finanzjarji aktar severi," qal Neven Mates, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Barra minn hekk, deċiżjonijiet ewlenin fl-EBA jittieħdu minn rappreżentanti tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, u l-perspettiva tal-UE kollha ma tteħditx inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti fil-mod li bih ġie mfassal u mwettaq it-test."*

It-test tal-istress li twettaq fl-2018 kien jimponi xenarji avversi inqas severi f'pajjiżi li għandhom ekonomiji dgħajfa u sistemi finanzjarji aktar vulnerabbli. Għal din ir-raġuni, jista' jkun li l-impatt baxx fuq ċerti banek ma kienx dovut għall-fatt li dawn kienu f'qagħda aħjar, iżda pjuttost minħabba li ġie applikat livell aktar baxx ta' stress. L-awdituri sabu wkoll li mhux il-banek kollha li huma vulnerabbli ġew inklużi fit-test u li ċerti banek b'livell ogħla ta' riskju ġew esklużi.

L-EBA rnexxielha tikkoordina t-test fi ħdan dati ta' skadenza qosra, bl-involvement ta' ħafna partijiet ikkonċernati. Fl-istess ħin, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-banek ċentrali nazzjonali u l-

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg  
E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

awtoritajiet nazzjonali kellhom rwol prominenti ħafna fit-tfassil tat-test. Barra minn hekk, meta waslet għall-verifikazzjoni ta' kif il-banek jistmaw l-impatti, l-EBA ddeċidiet li sserraħ kompletament fuq l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u fuq il-BĊE. Flimkien mal-kapaċità limitata tal-EBA biex tikkontrolla l-proċess tal-ittestjar tal-istress, ir-riżorsi limitati u l-arranġamenti ta' governanza kumplessi tagħha, dan ma ppermettix li jiġu żgurati riżultati kumparabbli, imparzjali u affidabbli għall-banek fid-diversi Stati Membri.

Għalkemm l-EBA tat aċċess għal ammont kbir ta' *data* dwar il-banek, ċerta informazzjoni kritika, jiġifieri r-rekwiżiti kapitali għal kull bank u l-ammont ta' banek li ma jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti kieku jkun taħt stress, kienet nieqsa.

L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea tirrevedi u ssaħħaħ l-arranġamenti ta' governanza tal-EBA u żżid ir-riżorsi tagħha biex it-testijiet tal-istress li jsiru fil-futur ma jkunux suġġetti għal nuqqasijiet simili. Fl-istess ħin, jenħteġ li l-EBA:

- iżżid il-firxa ġeografika tat-testijiet tagħha u tagħżel il-banek abbażi tar-riskji sistemiċi wkoll, aktar milli fuq id-daqs biss;
- tiddefinixxi l-livelli minimi tal-istress għall-UE kollha u tqis ir-riskji mill-perspettiva ta' sistema finanzjarja fil-livell tal-UE;
- ittejjeb il-kontroll tagħha fuq it-tfassil tat-test u ssaħħaħ l-approċċ superviżorju tagħha.

#### **Noti lill-Edituri**

L-EBA ġiet stabbilita fl-2010, u wieħed mill-kompiti tagħha huwa li tmexxi t-testijiet tal-istress għall-banek fl-UE kollha, u dan għamlitu fl-2011, fl-2014, fl-2016 u fl-2018. It-test tal-istress li twettaq fl-2018 kien jinkludi 48 bank fi 15-il pajjiż. Ix-xenarju avvers kien jikkonsisti fi projezzjoni negattiva għal perjodu ta' tliet snin ta' kundizzjonijiet makroekonomiċi, inklużi l-PDG, il-qgħad, il-prezzijiet tad-djar u r-rati tal-imgħax.

Mill-2014 'il hawn, l-awdituri tal-UE ppubblikaw għadd ta' rapporti relatati mal-unjoni bankarja, inkluż dwar l-EBA u l-kuntest tagħha li dejjem qed jinbidel, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet bankarji mill-BĊE. Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet interessati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati mis-settur tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Ir-Rapport Speċjali Nru 10/2019 "Testijiet tal-istress għall-banek fl-UE kollha: inġabar ammont kbir ta' informazzjoni dwar il-banek, iżda jinħtieġu koordinazzjoni aħjar u fokus akbar fuq ir-riskji" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE.

#### **Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport**

Damijan Fišer – E: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu)

T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24